MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 398/2009

**Dorielle Briffa (I.D. Nru. 409779M)**

**Vs.**

**Johann Briffa (I.D. Nru. 57378M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mill-attrici fit-22 t' Ottubru 2009 permezz ta' liema titlob li il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma komplessiva ta' erbat elef u erbatax-il Euro u tletin centezmu (€4,014.30) rapprezentanti in kwantu ghal: (1) elfejn, erba mija u tmienja u erbghin Euro u sbatax-il centezmu (€2448.17) arretrati ta' manteniment dovuti minnu ghall-minuri binthom Mariah fdata fil-kura u kustodja ta' l-attrici; (2) hames mija tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) rapprezentanti nofs il-*loan* li thallas mill-attrici u li tieghu l-konvenut kellu jhallas nofs, u; (3) disa' mija tlieta u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmu (€983.79) raprezentanti nofs il-kont tad-dawl u l-ilma mhallas mill-attrici, u dan kollu kif maqbul

u promess mill-konvenuta fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejnu u l-attrici datat 20 ta’ Dicembru 2007. Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz promotur, u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bl-Avviz promotur u bl-avviz tas-smigh, naqas milli jipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas deher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta’ Dorielle Briffa moghtija waqt is-seduta tal-5 ta’ Frar 2010;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut Johann Briffa, ghalkemm debitament notifikat bl-Avviz promotur u
bl-avviz tas-smigh, naqas milli jikkontesta t-talbiet attrici entro t-terminu prefiss u lanqas deher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti, u ghaldaqstant baqa’ kontumaci.

Waqt is-seduta tal-5 ta’ Frar 2010 l-attrici kkonfermat bil-gurament illi s-somma komplessiva ndikata fl-Avviz promotur, cioe’ is-somma ta’ erbat elef u erbatax-il Euro u tletin centezmu (€4014.30) imqasma: (1) fis-somma elfejn, erba mija u tmienja u erbghin Euro u sbatax-il centezmu (€2448.17) rapprezentanti arretrati ta’ manteniment dovuti mill-konvenut ghall-minuri binthom Mariah fdata fil-kura u kustodja ta’ l-attrici; (2) fis-somma ta’ hames mija tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) rapprezentanti nofs il-*loan* li thallas mill-attrici u li tieghu l-konvenut kellu jhallas nofs, u; (3) fis-somma ta’ disa’ mija tlieta u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmu (€983.79) raprezentanti nofs il-kont tad-dawl u l-ilma mhallas mill-attrici, ghadha lilha dovuta mill-konvenut u mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz promotur sa’ llum ma nbidel assolutament xejn.

Ghaldaqstant peress illi t-talba ta’ l-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attrici s-somma ta’ erbat elef u erbatax-il Euro u tletin centezmu (€4,014.30), flimkien ma’ l-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz promotur sad-data ta’ l-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-Avviz promotur, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------